MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 1605/2001/2

**Frank Borda Limited.**

**-vs-**

**Anton Vassallo.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fit-3 ta’ Ottubru, 2002, li bih s-socjeta’ attrici ppremettiet illi:

B’ kuntratt ta’ Hire Purchase tat-28 ta’ Novembru, 2000 il-konvenut inghata l-pussess ta’ vettura Skoda Felicia GLX chassis no. TMBEFF614Y7286043, Engine no. 3037863, liema vettura giet registrata bin numru TUS 023.

Kif hemm stipulat fl-imsemmi kuntratt il-konvenut kellu jhallas Lm6871.28 u dan kwantu ghal Lm00 deposit, Lm600 mall-konsenja u l-bilanc rimanenti ta' Lm5771.28 permezz ta' 59 rata mensili ta' Lm97 kull wahda u pagament finali ta' Lm48.28.

L-konvenut ma zammx ma' dan il-metodu ta' pagament u ghalkemm hallas id-deposit, huwa ma hallasx l-ammont shih li kellu jithallas mal-konsenja u ma hallas l-ebda wahda mir-rati mensili.

Ghalhekk a tenru ta' l-artikolu 3b ta' l-imsemmi kuntratt, il-konvenut ma kienx puntwali f' aktar minn instalment wahda u ghalhekk l-attur huwa intitolat kif fil-fat qieghed jahgmel li jitlob il-pussess immedjat tal-vettura kif wkoll li jircievi l-hlas tal-instalments kollha li gew govuta sa dakinhar li l-vettura tigi kkonsenjata lura lis-socjeta' attrici.

Jghidu ghallhekk il-konvenuti ghaliex din il-Qorti m' ghandhiex:

1. Tiddeciedi u tiddikjara li l-konvenut huwa morus fil-hlas tal-paamenti u ghalhekk kiser id-disposizzjonijiet tal-klawsola 3b tal-imsemmi Hire Purchase Agreement u ghalhekk l-attur huwa intitolat li javalla ruhu mid-disposizzjonijiet ta' l-istess artiklu tal-kuntratt.

2. Tikkundanna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u parentorju li jigi lilu prefiss, li jikkonsenja lill-atur il-pussess tal-vettura fuq imsemmija, liema konvenut ikun responsabbli ghal kwalunkwe parti difetuza, mitlufa jew distrutta ta' din il-vettura.

3. Tiffissa l-gurnata, hin u lok sabiex it-trasferiment tal-vettura bir-road licence u number plates taghha jsir favur is-socjeta'

attrici u tinnomina kuratur sabiex jirrappezenta l-eventwali kontumaci.

4. Tiddikjara lill-konvenut huwa responsabbli li jhallas lill-attur l-imsemmi bilanc li kellu jithallas l-ommonti u l-iskadenzi kollha li jigu dovuta sa dakinhar li l-vettura tigi ritornata lis-socjeta' attrici.

5. Tillikwida l-iskadenza li jkunu ghalqu kif stipulat fit-talba numru 4.

6. Tikkundanna l-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' Mandat ta' Qbid li qieghed jigi prezenat kontestwalment u bl-imghaxijiet mid-dat rispettiva ta' kull skadenza kontra l-konvenut u b' riserva ghal kull azzjoni ulterjuri spettanti lill-attur.

Rat id-dikjarazzjoni mahlufa w in-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenut li naqas li jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqa' kontumaci;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta' attrici;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fil-kontumacja tal-konvenut **tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni, bl-ispejjez kontra l-**

**konvenuti**. Ghall fini tat-tielet talba **tordna li ttrasferiment jsiri fid-19 ta' Dicembru, 2003 f' nofsinhar fil-Qorti u tinnomina bhala kuratur lill-Avukat Dr. Paul Micallef Grimaud biex jirraprezenta l-kontumaci**, ghall-fini tar-raba' talba **tillikwida s-somma dovuta fl-ammont ta' hamest elef sebgha mija u wiehed u sebghin Lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm5,771.28) u jikkundanna lill-konvenut ihallas din is-somma lis-socjeta' attrici**.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------